**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Mejju, 2001

**Numru 5**

**Avviz. numru 1639/00JR**

**Options Mens Wear u b'degriet tat-3 ta' Novembru, 2000, saret korrezzjoni fis-sens li isem l-attur jitnizzel bhala Carmel sive Lino Farrugia ezercenti l-kummerc taht l-isem Options Mens Wear**

**vs**

**Sandro Grima**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm83.96), rapprezentanti hwejjeg li nxtraw mill-imsemmi hanut u li thallsu permezz ta' l-APS cekk numru P4 datat 3 t'Ottubru, 1997, li wara li gie**

**prezentat il-Bank diversi drabi baqa' ma ssarrafx, immarkat "refer to drawer".**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Jannar, 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Adrienne Agius ghall-attur li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm83.96).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**